Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
Magistrat Dr. Astrid May Grima
B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.

Illum l-31 ta' Jannar 2019

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Roderick Agius)**

**vs**

**Mario Baldacchino**

***Kumpilazzjoni Nru. 526/2016***

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat Mario Baldacchino detentur tal-karta tal-identita' Maltija numru 0447469M u cioe' talli:

Fit-12 ta' Settembru 2016 ghal habta tas-07.30 am. gewwa Triq ic-Cawsli, Hal-Qormi u f'dawn il-Gzejjer:

1. Ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Marco Borg hekk kif certifikat minn Dr. Kevin Grech;
2. U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkustanzi kiser il-bon ordni b'ghajjat u glied;
3. U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkustanzi ingurja u hedded lil Marco Borg u jew persuni ohra bl kliem, gesti jew kull mod iehor;
4. U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi ghamel reat fil-perjodu operattiv tas-sentenza ta' liberta ikkundizzjonata, fejn gie illiberat bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn, sentenza moghtija

mill-Magistrat Dr. S. Demicoli nhar il-5 ta' Novuembru 2015 bi ksur ta' l-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U finalment talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi irrenda ruhu ricediv ai termini ta' l-Artikoli 49, tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li huwa ga gie misjub hati permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet gentilment mitluba illi f'kaz ta' htija tapplika l-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli ipprezentati fil-25 ta' Awwissu, 2017, (esebita a fol. 107 tal-atti processwali fejn l-Avukat Generali dehrlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) fil-konfront tal-imputat taht dak li hemm mahsub;

1. Fl-artikoli 17, 31, u 533 tal-kodici kriminali, kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 214, 215, 216 (1) (b) tal-kodici kriminali, kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikolu 338(dd) tal-kodici kriminali, kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-artikoli 252(1), 249(2), 339 (1)(e) tal-kodici kriminali, kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-artikoli 7,22,23 tal-Att dwar il-Probation, kapitolu 446 tal-Ligijiet tal Malta;
6. Fl-Artikoli 49,50 tal-kodici kriminali, kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta;
7. Fl-artikoli 383, 384 u 385 tal-kodici kriminali, kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza tad-19 ta' Ottubru, 2017 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Rat l-atti processwali.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha pprezentati.

<u>Ikkunsidrat:</u>

Illi mix-xhieda mressqa, fosthom **WPS 91 Miriam Mangion** li xehdet fis-seduta ta' l-10 ta' Novembru 2016, qaghlet illi kien l-akkuzat Mario Baldacchino illi mar l-ghassa jaghmel rapport li Marco Borg, li huwa l-parte civile f'dawn il-proceduri, kien mar ghalih b'senter wara li inqala' argument minhabba xi zibel li tpogga ma genb il-garaxx tal-akkuzat. Kompliet tghid li l-akkuzat qalilha illi meta hu qal lil parte civile biex ma jhallix z-zibel hdejn il-garaxx tieghu, Marco kien wiegbu li ha jmur jgib is-senter u rah sejjer hdejn il-vann u jgib is-senter, u kien qallu ukoll illi din ma tieqafx hawn. WPS 91 kompliet tghid li hi marret hdejn il-garaxx bl-isem ta' Mark's Garage biex tfittex lil Marco Borg fejn giet infurmata minn haddiem li kien hemmhekk li Marco kien mar il-clinic ghal kura ghax kien wegga' waqt l-incident. Kompliet tixhed illi kienet ghamlet kuntatt ma Marco Borg u qaltlu biex jmur l-ghassa. Ftakret illi meta kien mar l-ghassa kellu xi griehi fuq ghajnejh u li ghajnejh kienet minfuha.

Illi fl-istess seduta xehed il-**Parte Civile Marco Borg** fejn ezebixxa tlett ritratti a fol. 28, 29 u 30 fl-atti processwali, fejn qal illi fit-12 ta' Settembru mar biex jiftah il-garaxx wara gimgha *shut down*, fejn jahdem bhala *panel beater,* u tefa' zewg kaxxi tal-kartun fejn il-kantuniera biex jkunu jistghu jingabru facilment minn tal-iscammel. Waqt li hu kien qieghed jhott xi ghodda mill-vann kien qieghed jitkellem fuq il-mowbajl. X'hin ghadda lura sabiex imur lejn il-garaxx tieghu, hu ra lil Mario Baldacchino, li hu gharaf fl-awla bhala l-akkuzat, kien tefa' l-kaxxi ghal quddiem tal-garaxx tieghu. Meta kien sejjer lura jgib xi haga mill-vann sema lil akkuzat jghid xi haga.  Marco saqsieh x'gara u inqala' argument, u x'hin dar lejh, l-akkuzat tah daqqa ta' xkupa. Il-parte civile xehed illi hu pprova jiddefendi ruhu sabiex l-akkuzat ma jkompliex jaghtih izda beda hiereg hafna demm u ghalhekk l-istess parte civile dahal fil-garaxx tieghu u wara mar il-polyclinic fejn ghamlulu l-punti. Xehed illi hu qal lil-akkuzat "*din ma tieqafx hawn*". In kontro ezami il-parte civile stqarr illi huwa kaccatur u li jzomm diversi armi d-dar u li dakinhar haduhomlu l-pulziija wara l-incident. Ghalkemm t-tabib tal-polyclinic irreferih ghand ophthalmic u ENT, hu mar ghand xi specjalista privatament ghalkemm ma ipproduca l-ebda certifikat iehor apparti dak tat-tabib li kien rah fil-polyclinic ta' Hal Qormi dakinhar tal-incident.

Xehed ukoll fl-istess seduta l-**iSpettur Roderick Agius** fejn qal illi kien gie infurmat mimm WPS 91 li kien hemm incident bejn Mario Baldacchino u Marco Borg, fejn Mario Baldacchino kien allega illi Marco Borg kien hareg arma fil-konfront tieghu waqt illi Marco Borg kien sofra xi ferita ta' natura gravi, kif gie iccertifikat mit-tabib tac-centru tas-sahha. Xehed illi kien baghat ghal Mario Baldacchino u ipprezenta d-dikjarazzjoni iffirmata fejn qal illi hekk kif

beda l-argument dwar iz-zibel, il-parte civile mar u gab is-senter mill-vann u fethu u rega' ghalqu u hu minn naha tieghu (l-akkuzat) kien tah daqqa ta' injama. Fil-fatt inhargu akkuzi fil-konfront kemm tal-akkuzat kif ukoll tal-parte civile li kienu ser jinstemghu quddiem Qorti diversament preseduta. Waqt ix-xhieda tieghu l-iSpettur ipprezenta diversi dokumenti a fol. 45 sa 50 fl-atti processwali.

Illi fis-seduta tad-19 ta' Jannar 2017, xehed it-tabib **Dr. Kevin Grech** illi kien ra lil Marco Borg gewwa l-Health Centre ta' Hal-Qormi, wara li allegatament kien involut fi glieda u kellu laceration, qata' fuq in-naha ta' barra tal-*eyebrow* tal-lemin, fejn kien hem ukoll nefha u tbengil fuq l-*eyelid* u l-*orbit* tal-ghajn. Dr. Grech stqarr illi l-gerha kienet fonda, tant li hu seta jara il-muskolu, u fil-fatt lil parte civile kellu jghamillu tlett punti. Kien hemm ukoll tbengila fuq in-naha ta' l-ghajn ix-xellugija. Peress li l-gerha kienet fonda, hu irrefera lil Marco Borg sabiex imur ghand l-ophthalmic u ENT. Dr. Grech stqarr li l-parte civile gie iccertifikat li sofra minn griehi gravi peress illi kienet qata' fuq il-wicc li generalment thalli scar. Waqt ix-xhieda tieghu fuq talba tal-Qorti it-tabib iddikjara illi il-ferita ghada vizibli within walking distance. Ix-xhud ipprezenta ic-certifikat mediku mahrug minnu stess li jinstab a fol. 59 ta' l-atti processwali.

Illi fl-istess seduta xehdet **WPC 329 Tiziana Azzopardi**, fejn qalet li hi kienet hadet ir-rapport ta' Mario Baldacchino gewwa l-ghassa fejn kien qal illi kien involut f'argument ma persuna ohra li kien hareg ghalih b'senter meta kien mar sabiex johrog il-karrozza mill-garaxx.

Illi fis-seduta tat-23 ta' Frar 2017, xehed **Dr. Clayton Fsadni** li kien irrilaxxa certifikat dwar il-griehi li kellu Mario Baldacchino li kienu *abrasions on the upper limbs* li gew iccertifikati bhala griehi ta' natura hafifa. L-istess xhud ipprezenta certifikat mediku li jinstab a fol. 68 tal-atti processwali.

Illi fl-istess seduta xehed **PC1532 Mario Caruana**, fejn qal li hu kien barra fuq xoghol ma WPS 91 fejn ircevew telefonata minghand WPC 329, li kien mar jirraporta l-ghassa Mario Baldacchino li kellu argument ma' Marco Borg fuq xi zibel u fejn l-istess Mario Baldacchino gie mhedded b'senter. Huma marru fuq il-post biex jkellmu lil Marco Borg pero' ma sabuhx. Il-lavrant tieghu qal illi kien mar il-polyclinic. Huma ghamlu kuntatt ma Marco Borg u qalulu biex jmur l-ghassa. Aktar tard kienu gew konfiskati disa' armi li jappartjenu lil Marco Borg. Dawn ma kinux gew elevati imma kien mar bihom il-parte civile stess.

Illi xehed ukoll fl-istess seduta, **Kevin Bugeja** li jahdem bhala *sprayer* tal-karrozzi ma' Marco Borg. Huwa qal illi l-akkuzat, li l-istess xhud ddikjara li qed jaghrfu fl-awla, kien rah jixxutja l-kaxxi taz-zibel u saqsieh jekk hu kienx rema' xi zibel mal-faccata tieghu, fejn ix-xhud wiegbu li le. Ix-xhud imbaghad ghajjat lil Marco biex jsaqsih jekk kienx hu li rema' z-zibel. Mark kien fil-garaxx l-iehor fuq il-mowbajl u x-xhud deherlu li kien qieghed jitkellem fuq il-kacca. Ix-xhud stqarr li hu dahal gewwa l-garaxx u kompla b'xogholu u ghalhekk ma rax dak li gara izda wara li sema l-ghajjat, hareg jitawwal fejn ra lil parte civile b'wiccu u l-flokk kollu demm.

Illi xehed ukoll fl-istess seduta **George Borg** missier Marco Borg, li ghandu *roof garden* fuq il-garaxx tal-parte civile, fejn qal illi semgha l-ghajjat, fejn ghalih kienet xi haga tas-soltu. Ix-xhud qal li x'hin semgha l-ghajjat u mar jittawwal minn fuq il-bejt u ra lill-akkuzat ixejjer daqqa ta' xkupa fuq Marco u fetahlu mohhu. Ghalkemm George Borg ra u semgha l-argument, qal illi waqt illi Mario u Marco kienu qeghdin jikkustinjaw, kienu wara l-vann u ma setghax jara x'inhu jigri. Ix-xhud ikkonferma li setgha jara il-lasta ta' l-ixkupa u semaghha tfaqqa ghax inqasmet bid-daqqa. Fil-kontro ezami ix-xhud ammetta li kien qieghed jitfa' xi affarijiet mir-*roof garden* lejn il-garaxx u li qal illi kien tank tal-plastic li tefa' fit-triq ghar-rimi. Xehed ukoll illi kellu cameras mal-faccatta imma dakinhar ma kienux qed jahdmu.

Illi fis-seduta tal-25 ta' Lulju, l-Ufficjal Prosekutur, l-iSpettur Roderick Agius, ipprezenta sentenza datata 5 ta' Novembru 2015 moghtija fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Mario Baldacchino*** fejn il-konnotati tal-imputat odjern huma l-istess bhal dawk li jidhru fuq din l-istess sentenza.

Illi fis-seduta tal- 25 ta' Jannar 2018, rega' xehed il-**parte civile Marco Borg,** in kontro ezami. Gie ssugerit lilu, illi kellu arma fil-karrozza izda x-xhud cahad din l-allegazzjoni. Huwa qal illi dakinhar tal-incident, ra l-kaxxi f'nofs tat-triq u l-lavrant saqsieh jekk kienx ramihom hu. Qal illi rega' qabad il-kaxxi biex jerga' jpoggihom fil-kantuniera vicin il-garaxx tal-imputat, waqt illi kien sejjer lejn il-karrozza tieghu biex jkompli jhott. Meta qabad il-kaxxi li kienu fin-nofs tat-triq resaq lejn l-imputatu dan ghaliex il-garaxx ta' l-imputat jinstab vicin il-post fejn jingabar iz-zibel. L-imputat kien qieghed juza' l-ixkupa u tah daqqa bl-ixkupa. Gie ssugerit illi dahal fil-garaxx tal-imputat izda ix-xhud qal illi l-argument kien barra l-garaxx ta' l-imputat. Mistoqsi ghalfejn mar jiffronta lil imputat meta beda jisimghu jghajjat, hu qal illi mar biex jitfa' l-kaxxi lura.

Illi l-imputat **Mario Baldacchino** ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri. Fis-seduta tat-8 ta' Marzu 2018 huwa qal illi fit-tnax ta' Settembru 2016 mar fil-

garaxx tieghu u wara l-bieb tal-garaxx sab lil Mark Borg jitfa' l-affarijiet wara l-bieb tal-garaxx tieghu, li kienu hmieg tal-fenek, glud u kaxxi tal-parts. Hu qal lil lavrant ta' Mark biex ma jitfalux il-hmieg wara l-garaxx tieghu u Mark wiegeb billi qal "*ha mmur nohrog l-arma ghax dan ilu mqabbad maghna*" u mar fil-vettura tieghu li kienet vicin u hareg l-arma li kienet bi tnejn, fejn fetaha u ghalaqha. Il-lavrant beda jghidlu biex idahhal l-arma u "*x'se taghmel b'idejk*". L-imputat stqarr li dak il-hin dahal fil-garaxx tieghu biex jkompli jnaddaf fejn ra lil Mark gej jigri ghalih. Ix-xhud qal li l-parte civile dak il-hin ma kellux l-arma f'idejh ghax kien rega' poggiha fil-karrozza. Mistoqsi ghalfejn ma kienx cempel lil pulizija, ix-xhud qal illi ma kellux cans ghax gie ghalih mill-ewwel u gew f'idejn fuq il-bankiena tal-garaxx tieghu u hu kellu l-lasta f'idejh u ta daqqa lil parte civile biha. Missier l-parte civile kien fuq ir-roof garden u beda jitfa' l-affarijiet ghal got-triq. L-imputat xehed illi mar jaghlaq il-bieb tal-garaxx tieghu u mar l-ghassa bil-mixi u wara mar il-polyclinic. Xehed ukoll illi l-iSpettur Roderick Agius, qallu quddiem PC 517 illi illum kien ghadu haj ghax l-parte civile ma kellux skratacc fil-basket. Fil-kontro ezami l-imputat stqarr illi l-parte civile kien dahhal l-arma fil-karrozza u ma kellu xejn f'idejh imma qal li mill-ewwel mar biex jahbat ghalih u qallu li hu kien imqabbad mieghu. L-imputat qal li hu mar jaghmel rapport l-ghassa u l-pulizija damu ma marru fuq il-post.

Illi fis-seduta ta' l-24 ta' Mejju 2018, xehed **PC 517, Neil Sammut** li kien xhud tal-istatement tal-imputat. Meta gie mistoqsi jekk intqalx xi kliem fil-prezensa tieghu dwar li l-imputat "*kellu xorti li kien ghadu haj*" PC 517 qal li ma jiftakarx li intqal dan il-kliem. Ix-xhud stqarr li mill-hin li l-imputat dahal l-ghassa sabiex jaghmel l-istatement sakemm telaq, hu dejjem kien fil-presenza tieghu.

<u>Ikkunsidrat:</u>

Illi jirrizulta li fil-gurnata in ezami inqala argument bejn l-imputat u Marco Borg, minhabba li tpogga xi zibel mill-parte civile quddiem il-garaxx tal-imputat. Waqt l-argument Marco Borg qala' daqqa vicin ghajnejh permess ta' lasta ta' xkupa. Illi fil-verita l-imputat mhux qed jikkontesta li tah daqqa bil-lasta tal-ixkupa, liema fatti jirrizultaw mhux biss mill-istqarrija tieghu imma anke mid-depozizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti. Huwa fatt illi l-griehi li sofra il-parte civile, fil-fatt gew klassifikati bhal griehi ta' natura gravi mit-tabib Dr Kevin Grech, illi ezamina lil Marco Borg. Jirrizulta illi kien l-akkuzat illi mar l-ghassa jaghmel rapport u kien qal illi ra lil parte civile johrog u jiftah arma mill-vann u kien l-parte civile li kien resaq lejn il-garaxx tal-imputat u ghalhekk hu kien ddefenda ruhu bil-lasta tal-ixkupa li kienet f'idejh peress illi

kien qiegħed jnaddaf l-garaxx tiegħu. Dan rega' ikkonfermah bil-gurament meta xehed quddiem il-Qorti.

Illi l-Qorti hija rinfaccjata b'zewg versjonijiet tal-fatti u cioe' dik pprezentata mill-Prosekuzzjoni li tghid li kien l-imputat li hebb l-ewwel ghal Marco Borg billi tah daqqa bil-lasta tax-xkupa u dik pprezentata mid-difiza li kien il-parte civile li mar ghall- arma minn gol-vann u wara mar biex jhebb ghal imputat li min-naha tieghu uza l-lasta tax-xkupa biex ddefenda lilu nnifsu.

**Id-difiza tal-Legittima Difesa**

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-elementi rikjesti mil-ligi, sabiex tara jekk dak invokat mid-difiza tal-legittima difesa ghandux bazi. Il-principju tal-leġittima difeza gie ampjament spjegat fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Tony Curmi et</u>**, fejn il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-sentenza datata 27 ta' Ġunju 2017 moghtija mill- Magistrat Consuelo Scerri Herrera irrimarkat:

> "*Illi kif inhuwa ben saput, il-ġustifikazzjoni għal-leġittima difesa tirriżulta meta persuna tilqa' b'forza l-vjolenza jew aggressivita' ta' persuna oħra diretta lejha jew lejn terzi, kontra liema persuna hekk aggredita l-aġir tad-difensur imputat huwa dirett. Fil-leġittima difesa trid tkun inħolqot sitwazzjoni ta' perikolu, dannu, theddida u/jew minaċċja bl-agir tal-aggressur u mhux da parti tad-difensur, sitwazzjoni kkreata unikament mhux minn min jadotta dik t-tip ta' difiza, izda minn min qed juri jew jimmanifesta dak il-perikolu jew theddid jew dannu attwali*"

> "*Jiġi rilevat li d-dritt għal-leġittima difesa jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipproteġi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke blużu tal-forza. Iżda l-liġi timponi ċerti kondizzjonijiet biex din l-eċċezzjoni tiġi milqgħuha. Ċioe t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu jrid ikun inġust, gravi u inevitabbli. Id-difiża trid tkun saret biex jiġu evitati konsegwenzi li jekk jeffettwaw ruħhom jikkaġunaw ħsara rreparabbli lid-difensur, jiġifieri ħsara jew offiża lil-ħajja, ġisem u/jew partijiet tal-ġisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li hu għamel, għamlu, stante li fl-istat psikoloġiku li kien jinsab fih f'dak il-mument, biex jevita xi perikoli li ma setgħux jiġu evitati b'mod ieħor. Jiġifieri l-perikolu għandu jkun attwali, istantaneu u assolut u ma jridx ikun xi perikolu antiċipat. Il-perikolu għandu jkun attwali, ta' dak il-ħin, u mhux xi theddida ta' perikolu li*

*tkun saret ħinijiet qabel għax dan jista' jagħti lok għal provokazzjoni u mhux difesa leġittima. Il-perikolu jrid ikun assolut, ċioe li f'dak il-mument li kien qed iseħħ ma setax jiġi evitat b'xi mod ieħor. Iżda hawnhekk għandu jiġi applikat it-test oġġettiv kif diversi awturi u sentenzi tal-Qorti dejjem speċifikaw, u mhux biżżejjed li wieħed jgħid x'seta' għamel jew x'messu għamel jew x'messu għamel id-difensur (imputat) qabel ma ħa l-azzjoni in difesa blużu tal-forza."*

Fil-fatt kif jgħid il-**Professur Mamo** fin-noti tiegħu:

"*the danger against which the accused reacts should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact, but rather as the accused saw it at the time."*

*"Rinfaccjat b'perikolu serju u imminenti kif haseb hu f'dak il-mument, wiehed ma jistax jippretendi li kellu jzomm il-kalma u fil-fatt il-ligi stess f'cirkostanzi bhal dawn taccetta miskalkolazzjonijiet u errors of judgment. Il-ligi fil-fatt tipprovdi li l-ebda piena ma tigi inflitta f'kazijiet anke fejn bniedem jeccedi l-ligi f'kaz li jkun necessarju li jiddefendi lilu nnifsu u/jew terzi, fejn tali eccess ikun dovut ghal perikolu imminenti li hu jsib ruhu rinfaccat bih jew minhabba biza' jew twerwir (fear or fright)."*

Fil-kawza fl-ismijiet, <u>Ir-**Repubblika ta' Malta vs Martina Galea**</u>**, 14 ta' Jannar 1986** il-Qorti rreteniet illi

*"... huwa appena necessarju jinghad li rekwizit indispensabbli ghad-diriment tal-legittima difiza hija l'inevitabbilita", meta l-akkuzat "cannot escape though he would" bil-korollarju li ma nistghux nitkellmu dwar legittima difiza jekk l-akkuzat "would not escape though he could."*

Fil-kawza fl-ismijiet <u>**Il-Pulizija vs Augusto Auguliaro**</u> deciza fis-26 ta' Awwissu 1998 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) il-Qorti tkellmet dwar il-bzonn attwali u l-invetibilita' ghal darb'ohra:

"*Mhux kull min jagixxi biex jiddefendi ruhu necessarjament jista' jinvoka dan l-Artikolu (b'referenza ghall-artikolu 223 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta). Il-ligi titkellem car dwar il-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' dak li jkun jew ta' haddiehor. Kemm fid-dottrina kif ukoll fil-gurisprudenza taghna hu ormaj stabilit li biex wiehed jista' jinvoka dan liskriminanti l-aggressjoni subita trid tkun ingusta, gravi w*

*inevitabbli. L-element ta' l-inevitabilita jigi nieqes meta wiehed, minflok ma jevita l-inkwiet ossia l-glied li jara gej meta dan ikun jista' b'mod ragjonevoli jigi hekk evitat, imur minghajr raguni valida jaffrontah b'mod li jipprecipita huwa stess il-konfront fiziku*".

Ikkunsidrat:

Illi fir-rigward il-kaz odjern, il-Qorti wara li seghmet ix-xhieda mressqa u rat d-dokumenti prezentati, rat illi l-verzjoni tal-parte civile ta' kif gara l-incident huwa aktar kredibbli mill-verzjoni ta' l-imputat, u dan gie anke ikkoroborat b'xhieda ohra specjalment dik ta' Kevin Bugeja u George Borg li kienu l-unici persuni prezenti fil-post ta' l-incident fejn, George Borg ra l-incident isehh u Kevin Bugeja ra l-agir vjolenti ta' l-imputat ftit minuti qabel sehh l-incident fejn il-parte civile spicca b'ferita gravi f'wiccu. Illi permezz tax-xhieda ta' Dr Kevin Grech u c-certifikat mediku pprezentat minnu, gie vverfikat li l-ferita li sofra l-parte civile hija wahda ta' natura gravi.

Illi l-Qorti innutat ukoll illi l-imputat pprova diversi drabi jiggustifika l-agir vjolenti tieghu fil-konfront ta' l-imputat fejn sostna li hu irreagixxa b'dak il-mod ghaliex hu gie mhedded mill-parte civile b'arma tan-nar, fejn fl-istess nifs, l-imputat stess stqarr illi meta hu attakka lil parte civile bil-lasta tal-ixkupa, il-parte civile ma kellu xejn f'idejh. Apparti minn hekk waqt ix-xhieda tieghu l-imputat allega illi l-iSpettur Roderick Agius kien qallu li ghandu xorti li ghadu haj, ghal fatt li l-parte civile ma kellux skratac mieghu fil-hin ta' l-incident, liema kliem gie innegat kemm mill-iSpettur stess, kif ukoll minn PC 517 Neil Sammut li kien prezenti waqt li l-istess imputat kien qed jaghti statement fl-ghassa tal-Pulizija, u ghalhekk din il-Qorti hija konvinta li l-imputat ghawweg il-fatti sabiex jipprova jiggustifika lilu nnifsu, liema attentat tal-istess imputat ma' rnexxiex.

Ikkunsidrat:

Fir-rigward tal-**ewwel akkuza** u cioe dik talli **ikkaguna ferita ta natura gravi fuq il-persuna ta Marco Borg.**

Illi l-Qorti tinnota li apparti l-konsiderazzjonijiet li saru aktar il-fuq f'din is-sentenza fir-rigward ta l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat, fejn, il-parte civile Marco Borg spjega kif gie aggredit mill-imputat u ferut permezz ta' daqqa ta' lasta ta' xkupa meta l-imputat tah daqqa fuq ghajnejh il-leminija, fejn l-istess parte civile ikkonferma li minnufih kellu jmur ghal-kura fic-centru tas-sahha ta' Hal-Qormi fejn gie rilaxxat certifikat mediku ezebit u mmarkat bhala Dok. KG 1 (a fol. 59), il-Qorti tinnota wkoll li l-atti processwali

jikkontjenu d-depozizzjoni moghtija minn Dr. Kevin Grech li kkonferma li rrilaxxa ic-certifikat msemmi fil-konfront tal-parte civile Marco Borg. Huwa kkonstata li l-parte civile sofra griehi ta' natura gravi u dan skond kif jirrizulta mic-certifikat rilaxxat minnu.

Ghaldaqstant, **l-ewwel (1) imputazzjoni** addebitata fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement ppruvata u b'hekk l-imputat **ser jinstab hati taghha.** Jinghad pero li l-piena applikabbli hija dik li kienet in vigore qabel ma saru l-ammendi permezz ta l-Att XIII tas-sena 2018 fir-rigward tal-piena.

Fir-rigward **tat-tieni akkuza**, l-imputat qed jigi akkuzat talli **volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.**

Illi l-Qorti tinnota li kemm il-parte civile Marco Borg, kif ukoll ix-xhieda Kevin Bugeja kif ukoll George Borg lkoll xehdu illi waqt l-incident msemmi fil-kaz odjern, l-imputat beda jghajjat fit-triq, liema ghajjat u storbju setgha jinstemgha kemm minn fuq il-bjut, skond ix-xhieda ta' George Borg, kif ukoll minn gewwa 'spray booth' gol-garaxx tal-parte civile, skond ix-xhieda ta' Kevin Bugeja. Irrizulta li dan l-ghajjat u storbju kien gej mill-imputat qabel u waqt li kellu argument ma' Marco Borg. Apparti dan, il-Qorti semghet ukoll lix-xhieda msemmija aktar il-fuq jixhdu fuq l-atteggjament agressiv ta' l-imputat.

Ghaldaqstant l-imputat **ser jinsab hati tat-tieni (2) imputazzjoni** addebitata fil-konfront tieghu.

Dwar **it-tielet akkuza** jinghad li l-imputat gie akkuzat talli **ingurja lil Marco Borg. Jinghad li ir-reat tal-ingurja ai termini tal-artikolu 252 iccitat mill-Avukat Generali fir-rinviju tieghu m'ghadux jikkonsisti bhala reat u ghalhekk a bazi tal-principju li *nullum crimen sine lege,*** din il-Qorti qed tastjeni ruhha minn din l-akkuza. Pero dwar il-kontravenzjoni **ai termini tal artikolu 339 (1) (e) talli agħmel lil ħaddieħor inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra f'dan il-Kodiċi, jew jekk ikun ipprovokat, jinġurja b'mod li joħroġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni,** illi mix-xhieda fil-kaz odjern ma harigx car l-element tal-ingurja jew theddid u ghalhekk din il-Qorti thoss li **din l-akkuza ma gietx ppruvata sal-grad rikjest mill-ligi u ghalhekk ser tilliberah minn din l-akkuza.**

Dwar **ir-raba akkuza** u cioe' li l-imputat **ikkometta reat waqt il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata** moghtija b'sentenza tal-Qorti, jirizulta illi giet pprezentata sentenza datata 5 ta' Novembru 2015 moghtija mill-Magistrat

Saviour Demicoli fejn fuq ammisjoni tal-imputat, il-Qorti kienet illiberatu bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn taht l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, u li jzomm il-bon ordni ma kulhadd ghal sena b'obbligazzjoni personali ta' tmien mitt euro.

Illi, fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, il-Prosekuzzjoni esebiet vera kopja ta' sentenza moghtija fil-5 ta' Novembru 2015 (Dok. "RA 3" – *a fol.* 104 *et seq.*).

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, una volta l-akkuzi odjerni jirrisalu ghall-incident li sehh fit-12 ta Settembru 2016, u ghalhekk entro it-terminu ta' sena minn meta inghatat is-sentenza appena citata, din il-Qorti **qed issib lill-imputat hati talli ikkometta reat waqt l-operat tal-liberta kundizzjonata.**

Dwar **il-hames akkuza u cioe' dik tar-recidiva** jinghad li din **i**l-Qorti tinnota li din is-sentenza ma tistghax tittiehed in konsiderazzjoni ghal finijiet ta' recidiva ghaliex l-imputat inghata *conditional discharge ai termini* tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u din mhiex kundanna izda liberazzjoni. *Di fatti*, fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. Stephen Zahra</u>** moghtija fit-30 ta' April 2008, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

*"Ghalhekk persuna ma tistax titqies recidiva jekk tikkommetti delitt iehor matul il-perijodu tal-conditional discharge jew il-perijodu ta' probation. Jigifieri l-appellant ma setax jigi dikjarat recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali minhabba s-sentenza msemmija tat-23 ta' Jannar 1990*".

Konsegwentement la l-Prosekuzzjoni ghogobha tiprezenta din is-sentenza datata 5 ta' Novembru 2015 moghtija mill-Magistrat Saviour Demicoli biss, din il-Qorti **ma tistax issibu hati talli huwa recidiv u ghalhekk ser tilliberah minn din l-akkuza.**

Ghalhekk din il-Qorti wara li rat in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali datata 28 ta' Lulju 2017 u senjatament Artikoli 214, 215, 216 (1)(b), u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll Artikoli 7, 22, u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta,qeda tiddikajra li qed issib lill-imputat hati ta' l-ewwel (1), it-tieni (2) u ir-raba (4) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' tmin mitt Euro (€800), kif ukoll ghal perjodu ta' sena prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal perjodu ta' tlett snin.

**Dwar it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex taghti garanzija fil-konfront tal-parte civile ai termini tal-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li tali talba hija gustifikata stante is-sejba ta' htija fil-konfront tal-imputat u ghalhekk** qeda torbot lill-hati Mario Baldacchino b'garanzija personali ta' **elf u hames mitt Euro (€1,500) ghal zmien sena mill-llum** u dan billi ma jimmolestax, ma idejjaqx u ma jingurjax lil parte civile Marco Borg.

Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni maghmula ai termini tal-**Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,** il-Qorti tinnota illi fil-kawza odjerna ma nhatar l-ebda espert, u ghalhekk m'hemmx spejjez x'jithallsu mill-imputat li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti f'dawn il-proceduri.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett snin.

**Dr. Astrid May Grima**
**B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
Magistrat